MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 166/2008

**Anthony T. Mamo (K.I. 892544M)**
**Vs**
**Joseph Schembri (K. I. 323975M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta sabiex il-konvenut jghid ghaliex m'ghandux ihallas l-ammont mitlub bhala bilanc ta' hlas ghal xoghol ta' *project manager* u xoghol relattiv kif kummissjonat mill-konvenut fil-propjeta' tieghu li tinsab f'Hat-Attard inkluz ukoll xoghol addizzjonali li kien hemm htiega li jsir minhabba c-cirkustanzi u dan baqa' ma thallasx. Minkejja li nterpellat kemm verbalment kif ukoll bil-miktub.

Bl-ispejjez kollha inluzi dawk tal-ittra interpellatorja taht l-artiklu 166(A) datata 18 t' April, 2007, numru 2111/07 u bl-imghax legali u/jew kummercjali mid-data tal-1 ta' Jannar, 2005 sal-mument u d-data tal-pagament finali w effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li fiha ppremetta li l-ammont mhux dovut peress illi l-attur ma hadimx skont l-arti u s-sengha, ezegwixxa xoghol hazin, ittardja u abbanduna l-inkarigu, b’dan illi l-konvenut kellu jqabbad lil haddiehor b’rizerva t’azzjoni ghad-danni.

Ra x-xhieda ta’ Anthony Mamo, tal-Perit Anna Maria Attard Montalto u Joseph u Laura Schembri, Saviour Bellia, u Charles Azzopardi.

Ra l-atti u id-dokumenti esebiti.

**Kunsiderazzjonijiet:**
Illi t-Tribunal intalab jiehu decizjoni dwar bilanc ta’ pagament allegatament dovut lill-attur ghax-xoghol ta’ *project manager* fil-propjeta tal-konvenuti u ghall-xoghol addizzjonali fis-somma totali ta’ elfejn, tliet mija u tletin ewro (€2,330) u li l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jhallsu ghaliex ix-xoghol gie esegwit hazin, u peress li l-attur abbunduna l-inkarigu.

Mill-fatti jirrizulta li l-konvenuti kienu qabdu lill-attur bhala *project manager*. Kienu ftehmu s-somma ta’ massimu ta’ elfejn, sebgha mija u hamsa u disghin ewro (€2,795) [LM1,200], ghal dan ix-xoghol (ara dokumenti immarkati “AM3” u ara l-ftehim bla data “AM4”). L-attur beda jahdem fuq il-progett f’Gunju 2003. Ix-xoghol fuq il-post beda f’Jannar 2004 u sa Awwissu jidher li x-xoghol baqa’ ghaddej minghajr problemi. Minn Awwissu l-fatti kif prezentati mill-partijiet huma konfliggenti.

Il-konvenut, fix-xiehda tieghu, iddikjara li l-attur abbanduna x-xoghol f’Awwissu peró mix-xiehda tal-attur johrog li wara Awwissu hu kellu problemi biex jidhol fil-post. Kien talab cavetta peró skont il-konveut, Joe Schembri, dan m’inghatax ghaliex ic-cavetta kienet antika u ma setghax jaghmel kopji taghha.

Skont l-attur il-problemi bdew minhabba kwistjoni ta’ hlas li kellu l-konvenut Schembri mal-bennej li gie nvolut fih l-attur u li kien zamm ferm fuq il-posizzjoni tieghu fil-

kwistjoni. Jidher illi kien wara din il-kwistjoni, li l-attur kellu l-problemi biex jkollu l-access fuq is-sit.

Mill-provi jirrizulta li ma kien hemm qatt xi lanjanza dwar ix-xoghol tal-konvenut jew li kien qed jigi ezegwit hazin.

L-attur iddikjara illi qatt ma kien hemm lanjanzi li hu ma kienx qed imur fuq il-post tax-xoghol jew li kien qed jittardja w lanqas l' abbanduna il-progett. Hija stramba li dan ma giex kontradett mill-konvenuti fix-xiehda taghhom.

Il-lanjanzi jidhru li saru kollha wara li gie tterminat xogholhu. Hemm biss skambju ta' emejls fl-ahhar ta' Dicembru fejn hawnhekk jindika li l-konvenut ma kellux aktar bzonnu u li huma kellhom jiehdu decizjonijiet wahedhom (ara ittra "AM17"). Minn din l-ittra tohrog ukoll, '*I suggest you give us the bill of what we owe you to date'*.

It-Tribunal jikkunsidra li dan huwa kaz fejn irid jaghzel lil min jemmen peró hemm ukoll certu affarijiet li jrid jiehu inkonsiderazzjoni. Min-naha wahda illi xoghol ta' *project manager* huwa li jaghmel supervizjoni u jkun *fuq il-post* kull darba li hemm bzonn. Il-fatt illi l-konvenuti ma tawhx cavetta lill-attur kienet problema serja li zammitu milli jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu. Il-Tribunal ihoss li ghalkemm l-attur ammetta li kien hemm perjodu ta' tlett gimghat fejn hu kien ma jiflahx dan ukoll ma jistax jitqies bhala abbandun galadarba kien informa lill-konvenuti w ma jidhirx li ikkontestaw dan. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li m'hemmx bizzejjed provi biex jwasslu biex jilqa' l-eccezzjonijiet li l-attur m'ezegwix xogholu tajjeb u/jew li hu abbanduna l-inkarigu tieghu. Jidher li kien pjuttost l-oppost.

F'dak li jirrigwarda x-xoghol addizjonali li ghalih qed jitlob li jithallas, it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-iskrittura privata fejn l-attur accetta li kien jahdem bhala *project manager* (ara dokumenti immarkati "AM3" u "AM4"). Il-ftehim jghid is-segwenti: "*it is understood that the project manager will coordinate and supervise <u>all works</u> related to the conversion of the Townhouse in Attard"*. Ghalhekk galadarba kien accetta li kien ser jaghmel ix-xoghol kollu

ghas-somma t’ elfejn, sebgha mija u hamsa u disghin ewro (€2,795) [LM1,200], t-Tribunal ma jhossx li l-konvenuti ghandhom ihallsu aktar minn dak miftiehem.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attur in parte u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma t’ elf, hames mija w erbatax-il ewro u disgha centezmi (€1,514.09), bl-imghax skont il-ligi mill-lum sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez ta’ din il-kawza jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------